KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416101 FAX : 21416941

# MINUTI

## Laqgħa Tal-Lokalita Mal-Pubbliku

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa tal-Lokalita Numru 01

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 26 ta' Settembru 2019

Din il-laqgħa saret fis-Sala Villa Lia fi Triq il-Kbira,Ħal Lija fis-7.00 ta' filgħaxija.

### MEMBRI TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Joseph Zahra - Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti

### UFFIĊJAL TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 1.1 Introduzzjoni mis-Sindku

1.1.1 Is-Sindku fetaħ din il-laqgħa billi formalment laqa' lir-residenti li kienu preżenti. Huwa spjega kif din il-laqgħa nżammet skond kif stipulat fl-Att dwar Gvern Lokali fi Kapitolu 363 paragrafu 3A, fejn l-ewwel bidu ta' dan il-paragrafu jgħid hekk "Mhux aktar tard minn tliet xhur mill-bidu tal-operat ta' leġizlatura, trid tissejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill."

1.1.2 Is-Sur Dalli spjega kif din il-laqgħa ser tkun maqsuma fi żewġ taqsimiet. Fl-ewwel parti tal-laqgħa huwa kien ser jitkellem fuq il-Pjan ta' Ħidma li għandu ħsieb iwettaq il-kunsill lokali għall-benefiċju tal-lokalita fi perjodu ta' ħames snin bejn 2020 – 2024. Fit-tieni parti tal-laqgħa huwa qal li ser ikun qed jisma s-suġġerimenti tar-residenti nkonnesjoni ma' dan il-pjan ta' ħidma u anke qal li ser jagħti ċans lir-residenti preżenti jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u jwieġeb għalihom.

## 1.2 Pjan ta' Ħidma 2020-2024

1.2.1 Is-Sindku qal li l-kunsill għamel pjan ta' ħidma li fih jinvolvi lista ta' proġetti li bi ħsiebu jwettaq tul ħames (5) snin għal perjodu 2020-2024.

1.2.2 Il-Pjan ta' ħidma ser jinkludi fih l-proġetti msemmija kif ġej: (A) Bini ġdid tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali, (B) Wiċċ ġdid ta' Triq Preziosi sqaq nru 2, (C) Uċuħ ġodda tat-toroq fir-raħal, (D) Tranġar ta' pavimentar u bankini aċċessibli fir-raħal, (E) Titjieb tas-sistema tat-traffiku fir-raħal kollu speċjalment fi Triq Annibale Preca, (F) Il-Kunsill għandu jaħdem biex jixgħel ir-raħal bi dawl aktar effettiv, (G) Fondi speċjali, (H) Il-Proġett ta' restawr fuq it-Torri Belvedere, (I) Il-Kunsill ser jaħdem aktar bi ħsieb fuq l-infrastruttura tar-raħal, (J) Il-Kunsill ser jikseb għamara tat-triq ġdida, fil-Ġnien Rikreattiv u fil-Qasam tal-Gvern u (K) Programmi edukattivi u ambjentali.

1.2.3 Is-Sindku ppreżenta ukoll rapport finanzjarju relatat mal-pjan ta' ħidma u proġetti li ser ikunu qed jitwettqu fuq bażi ta' ħames snin. Il-Figuri ta' dan ir-rapport ġew ippreparati mill-*accountant* tal-kunsill. Is-Sindku spjega kif b'permezz ta' dan ir-rapport wieħed jista jifhem aktar kif ser ikun qed jopera l-kunsill u jqassam il-finanzi tiegħu. Dan ir-rapport juri biċ-ċar xi dħul ser ikollu l-kunsill u anke juri l-ispejjes li huwa għandu ta' diversi servizzi, li ser ikunu qed jiġu mgħottija għal benefiċċju tar-raħal.

1.2.4 Rigward l-ambjent is-Sindku qal li l-kunsill ser ikun qed jagħmel minn kollox biex jipreserva l-istruttura ambjentali tar-raħal. B'permezz ta' servizz ġdid ta' *town planner,* il-kunsill ser ikun infurmat b'kull permess tal-ippjanar ġdid li jidħol. It-*Town planner* ser tkun qed tidentifika jekk l-applikazzjonijiet tal-ippjanar li jidħlu m'humiex skond il-*local plan*. Għal kull applikazzjoni tal-ippjanar li ser tkun qed tmur kontra l-*local plan*, il-kunsill bl-għajnuna tat-*town planner* ser ikun qed jikteb ittra ta' oġġezzjoni.

1.2.5 Is-Sindku għamel stqarrija fuq in-*norwegian funds* fejn qal li mhu veru xejn li l-kunsill Lokali ta' Ħal Lija ser ikun intitolat l-ammont ta' mitt elf inkonnesjoni ma' dan il-fond. Is-Sur Dalli spjega kif huwa ġab din il-klarifika mingħand id-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali. Peress li dan il-fond għandu x'jaqsam ma' problemi soċjali, Ħal Lija ġiet ikklasifikata waħda minn tal-aħħar lokalitajiet f'Malta u Għawdex biċ-ċans li tibbenifika minn dan il-fond. Dan għaliex Ħal Lija mhux meqjusa bħala lokalita li għandha ħafna problemi soċjali kkumparat ma' lokalitajiet oħrajn. Is-Sindku għamilha ċara li m'hemm xejn definit li Ħal Lija ser tibbenifika minn dan il-fond u dan qalu bi dispjaċir kbir.

## 1.3 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

1.3.1.1 <u>Suġġeriment biex it-toroq fir-raħal isiru *one-way* u manutenzjoni tal-ġonna</u>
Resident għamel suġġeriment fejn qal li l-kunsill għandu jikkunsidra l-fatt li ħafna toroq fir-raħal isiru *one-way*. Huwa ta eżempju bi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fejn qal li din it-triq qed issir wisq perikoluża bit-traffiku li għaddej minnha '*both ways*'. Dan ir-resident semma anke li hemm bżonn issir manutenzjoni fuq ġonna u l-*playing fields.*

1.3.1.2 Fuq is-suġġeriment li ċertu toroq isiru *one-way* is-Sindku qal li dan huwa suġġeriment tajjeb ħafna. Il-kunsill diġa qed jipjana kif ċertu toroq fir-raħal jistgħu jsiru *one-way* ħalli minnhom jitnaqqas it-traffiku. Il-Kunsill beda minn Triq Annibale Preca u bħalissa qiegħed fi konsultazzjoni ma' Transport Malta biex jara kif is-sitwazzjoni tat-traffiku f'din it-triq jista jitjieb.

1.3.1.3 Is-Sur Dalli qal kif fil-fehma tiegħu mportanti ukoll li jsiru diversi tabelli fir-raħal li jgħidu "*No heavy vechicles*" kif hemm fil-lokalitajiet ta' Ħal Balzan u Ħ'Attard. Qed jgħaddu wisq trakkijiet kbar mir-raħal li Ħal Lija ma tiflaħx għalihom.

1.3.1.4 Fuq bażi ta' dan resident ieħor qal li l-kunsill missu anke jkollu djalogu mal-ħwienet kollha tar-raħal biex kemm jista jkun ma jidħlux trakkijiet kbar fir-raħal u konsenji ta' prodotti li jkollhom ordnati jsiru bi trakkijiet żgħar.

1.3.1.5 Rigward il-kumment fuq il-manutenzjoni tal-ġonna u l-*playing fields*, is-Sindku qal li l-kunsill diġa qed jieħu ħsieb tagħhom dawn.

1.3.2.1 <u>Suġġeriment fuq kostruzzjoni mill-ġdid *bus shelters*</u>
Resident esprima xewqtu biex ikun hemm tibdil ta' ċertu *bus shelters* li llum il-ġurnata jinsabu fi stat diżastrus. Eżempju ta' dawn huma il-*bus shelters* li hemm fi Triq Naxxar u Triq il-Mosta.

1.3.2.2 Rigward dan is-sindku nfurmah kif il-kunsill għandu ftehiem ma' l-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali fuq il-*bus shelters* u dawn ser ikunu qed jiġu rranġati fiż-żmien li ġej għax il-kunsill applika għat-tibdil ta' bosta *bus shelters* fir-raħal.

1.3.3.1 <u>Applikazzjoninijiet tal-ippjanar u suġġerimenti f'dan ir-rigward</u>
Resident qal kif fl-opinjoni tiegħu l-akbar applikazzjoni tal-ippjanar li ser tkun ta' skandlu fir-raħal huwa relatat ma' dik il-binja li ser tatti l-kopla tas-Salvatur il-Qadim.

1.3.3.2 Is-Sindku qal li f'isem ir-raħal huwa ser jiġġieled kontra din l-applikazzjoni u meta din l-applikazzjoni ser tkun diskussa mill-bord tal-Awtorita tal-Ippjanar huwa ser ikun preżenti.

1.3.3.3 Resident ieħor qal li aktar ma jkun hemm numru kbir ta' nies li joġġezjonaw fuq permess partikulari aktar ser ikun hemm pressjoni fuq id-deċizjoni tal-awtorita tal-ippjanar fuq dak il-permess. Huwa qed jissuġġerixxi biex kull notifika ta' permess ġdid li l-kunsill jirċievi, b'permezz ta' avviż jinforma lil dawk ir-residenti kollha interessati biex flimkien mal-kunsill ir-residenti jsemmaw il-vuċi tagħhom. Huwa qed jissuġġerixxi biex jekk il-kunsill joġġezjona fuq permess fi triq partikulari, kopja ta' dik l-ittra ta' oġġezjoni għandha tintbgħat lir-residenti ta' dik it-triq biex min irid jagħmel użu ta' din l-ittra biex joġġezjona huwa personali wkoll. Tajjeb anke li jsir konferenzi stampi.

1.3.3.4 Is-Sindku qal li nfatti din hija xi ħaġa li l-kunsill diġa għamel fuq l-applikazjoni li ġiet sottomessa riċenti fi Triq il-Forn kantuniera ma' Triq id-Dejqa. Il-Kunsill Lokali qed jiprova jinvolvihom ħafna lir-residenti u sindku qal li dan tant huwa veru minnu li fil-jiem li ġejjien ser tkun qed titqassam applikazzjoni ta' parteċipazzjoni fi sotto kumitati. Residenti li tinteressahom xi delega partikulari ta' kunsillier b'permezz ta' din l-applikazzjoni ser ikunu qed jingħataw l-opportunita biex jissieħbu fis-sotto kumitat ikkonċernat.

1.3.4.1 <u>Biex issir *line* abjad fi Triq Annibale Preca</u>
Resident indirizza lis-sindku fejn qallu li meta kienet ġiet diskussa l-proposta tal-*one-way* fi Triq Annibale Preca huwa talab biex issir *line* abjad żgħir ta' qisu għoxrin pied biex it-traffiku jinżel aktar kif suppost man-naħa tax-xellug.

1.3.4.2 Is-Sindku qal li dan il-*line* ser isir iżda talab lil dan ir-resident biex lil Kunsill Lokali jagħtih daqsxejn ċans sakemm ma dan jiġi mplimentat.

1.3.5.1 <u>Diversi domandi mingħand residenta</u>
Residenta kkonċernata fuq il-bini l-ġdid li tiegħla fi Triq Annibale Preca u Triq Carmelo Farrugia għal fatt li ser jiżdiedu ħafna nies u allura ser jiżdied it-traffiku. Din ir-residenta għamlet domanda fuq is-servizz ta' tal-linja fejn staqsiet għaliex tal-linja ma toħroġx minn Triq Kananea u għalfejn terġa iddur għal fejn il-knisja tal-Mirakli biex toħroġ. Tkelmet ukoll fuq il-parkeġġ illegali li qed isir fi Triq il-Mitħna minn fejn il-kappella tal-Mirakli sa fejn il-ħitan tas-sejjieħ tal-għelieqi. Hija qalet li karozzi jibqgħu jipparkjaw sal-aħħar umbgħad peress li t-Triq tidjieq tal-linja tispiċċa ma tgħaddix u barra minn hekk m'hemmx sigurta meta wieħed jgħaddi bil-mixi. Finalment qalet grazzi lil Kunsill talli inqata l-ħaxix ta' Ħalmann.

1.3.5.2 Is-Sindku ħa nota ta' dawn il-punti kollha u ser jara x'jista jsir mill-aħjar.

1.3.6.1 <u>Suġġeriment biex isiru *mini-buses* fir-raħal</u>
Resident qed jissuġġerixi biex ikun hemm servizz ta' *mini-buses* fir-raħal li residenti jistgħu jagħmlu użu minnu ħalli jitnaqqas it-traffiku.

1.3.6.2 Is-Sindku spjega kif huwa qed jiprova jtella *bus no* 106 ħdejn iz-zuntier tal-knisja biex l-anzjani ma joqgħodux jinżlu jaqbdu tal-linja minn fejn it-torri jew minn Triq Naxxar.

1.3.7.1 <u>*Overspeeding* fi Triq San Liċinju</u>
Residenta kkonċernata fuq it-traffiku li qed jgħaddi u l-*ispeeding* li qed issir fi Triq San Liċinju u hija qed titlob biex forsi l-kunsill jikkunsidra jsiru xi *grids* ma' l-art jew *speed humps.*

1.3.7.2 Is-Sindku spjega kif dan it-traffiku għandu jonqos bl-implementazzjoni tal-*one-way* fi Triq Annibale Preca.

1.3.8.1 <u>Domandi rigward il-*one way* ta' Triq Annibale Preca u l-ħinijiet li fihom ser tiġi applikatha il-*one -way*</u>
Resident staqsa x'ħin filgħodu Triq Annibale Preca ser tkun *one-way*.

1.3.8.2 Is-Sindku qal li huwa qed jitlob lil Transport Malta biex Triq Annibale Preca filgħodu tkun *one-way* waqt ir-*rush hour* bejn 6:30am sa 8:30am. Kien hemm xi residenti li ma qablux ma' dan il-ħin u qalu li l-ħin għandu jiġi estiż aktar. Resident partikulari qal li b'sagħtejn biss filgħodu mhux ser tissolva l-problema ta' disa t'elef karozza barranija li tgħaddi minn Ħal Lija. Apparti li l-ħin irid ikun estiż il-*one-way* trid anke ssir xi ħin filgħaxija għaliex it-traffiku jerġa jakkumula fis-7:00pm ta' filgħaxija.

1.3.8.3 Is-Sindku qal li din hija xi ħaġa li alissa kieku ssir bi prova biex il-kunsill jara jekk il-problema tat-traffiku titjiebx fir-raħal. Is-Sur Dalli qal li ser jitkellem fuq dawn il-proposti waqt laqgħa li ser issir fil-viċin ma' Transport Malta.

1.3.8.4 Ġie mistoqsi ukoll minn fejn eżatt ser issir *one-way* Triq Annibale Preca u jekk mhux ser jitħallew jinżlu l-*mini buses* tal-iskola.

1.3.8.5 Is-Sindku wieġeb kif Triq Annibale Preca ser tkun *one-way* minn Kananea l-isfel u kkonferma li *mini buses* tal-iskola ser jitħallew jgħaddu dejjem f'kull ħin. Is-sindku kompla jgħid ukoll kif ser tingħata anke priorita lir-residenti fejn dawk ir-residenti li joqgħodu minn Kananea l-isfel ser ikunu jistgħu jgħaddu kif iridu kemm il-fuq jew l-isfel. Infatti hawnhekk is-sindku għamilha ċara li dawk ir-residenti li joqgħodu barra mit-tabelli tal-*one-way* bħal residenti li eżempju joqgħodu fi Triq Ħal Bordi, mhux ser ikunu jistgħu jinżlu l-isfel lanqas umbgħad. It-tijr tal-Kunsill huwa li jevita l-*foreign traffic* biss.

1.3.8.6 Hawnhekk kien hawn żewġ residenti li ma qablux u lmentaw bil-kbir għal fatt li peress li huma joqgħodu l-barra mit-tabelli tal-*one-way* ser ibatu għax mhux ser ikunu jistgħu jinżlu minn Triq Annibale Preca. Biex joħorġu minn Ħal Lija filgħodu huma ser ikollhom jgħaddu mit-traffiku ta' Ħ'Attard. Huma espremew ruħhom fejn qalu li jew jibbenifikaw ir-residenti kollha minn din il-*one-way* jew inkella ma isir xejn. Infatti qed jitolbu biex it-triq tingħalaq minn fejn l-ispiżerija ta' Ħ'Attard ħalli ma jidħlux karozzi minn hemm u anke l-karozzi li ġejjien minn Triq Kananea jkunu jridu jitilaw biss il-fuq lejn il-kappella tal-Mirakli.

1.3.9.1 <u>Domanda fuq Triq Robert Mifsud Bonniċi u Triq Ġ.Cali</u>
Resident qed jistaqsi jekk hemmx xi pjanijit għal Triq Robert Mifsud Bonniċi u Triq Ġ.Cali rigward it-traffiku. Dan ir-resident qal li l-konfużjoni ta' karozzi u traffiku f'dawn it-toroq hija gravi u dan minħabba l-ammont ta'residenti li żdiedu, bl-iskola, bil-kumpaniji tal-*business* żgħar li hemm,u bil-*ground* tal-futbol. Huwa żied jgħid kif din is-sitwazjoni ser tkompli tigrava la tinbena id-djar tax-xjuħ kif hemm ippjanat. B'mod speċjali is-Sibt filgħodu l-parkeġġ f'dawn it-toroq sar diżastru.

1.3.9.2 Rigward il-parkeġġ is-sindku qal li kemm ilu li ġie elett ilu jitħabat biex jara fejn ser jagħmel *open car space* imma mhux ħaġa faċli u din hija xi ħaġa li trid ħafna ħsieb.

1.3.9.3 Dan ir-resident qal ukoll li fi Triq Robert Mifsud Bonniċi hemm barriera bejn il-*University Residence* u l-ewwel blokka bini diġa mħaffra li qed iġġib ħafna nemus għax dejjem mimlija bl-ilma Sajf u Xitwa.

1.3.9.4 Fuq dan is-sindku ser jiċċekja x'hemm u x'ma hemmx. Dan ir-resident qal li qed jagħmel rapport fuq il-

problemi kollha ta' triq Robert Mifsud Bonniċi u kif ikun lest ser jgħaddih lil kunsill.

1.3.9.5 Finalment dan ir-resident ilmenta ukoll għal fatt li nqagħlet l-*isleeping policeman* minn Triq Robert Mifsud Bonniċi u qal kif din ma jmissix inqagħlet minħabba l-kunċett ta' sigurta.

1.3.10.1 <u>Ilmenti fuq Triq il-Kunċizzjoni</u>
Resident qed jilmenta fuq l-ammont ta' trakkijiet kbar li qed jgħaddu minn Triq il-Kunċizzjoni u anke l-*over speeding* li qed isir. Huwa żied jgħid li triq il-kunċizzjoni lanqas biss hija aċċessibli għax m'għandix bankina. Dan ir-resident qal li jrid isir *assesment* sew tat-traffiku u jekk hemm bżonn isiru xi *speed humps* isiru.

1.3.10.2 Dan ir-resident tkellem ukoll fuq il-fatt kif fl-opinjoni tiegħu l-parkeġġi kollha li hemm fil-kantunieri fi Ħal Lija jmisshom jitneħħew b'mod immedjat. Ikun hemm problema kbira jekk tinqala xi emerġenza u minħabba dawn il-karozzi pparkjati fil-kantuniera ma tkunx tista tidħol ambulanza.

1.3.11.1 <u>Suġġerimenti fuq il-problema tal-parkeġġ</u>
Resident għadda suġġeriment fejn qal li biex tiġi solvuta l-problema tal-parkeġġ ir-residenti jridu jirrispettaw lil xulxin u jibdew billi ma jibqgħux jimblukkaw l-aċċess u l-entraturi tal-garaxxijiet lil xulxin. Ir-Residenti bejniethom iridu jikkoperaw u hu nfatti qed jissuġġerixxi li l-kunsill jaqsam il-lokalita fi gruppi fejn darba kull tant żmien il-kunsill isejjaħ lil gruppi kollha separatament u jagħmel djalogu bejn ir-residenti ta' kull grupp biex jissolvew il-problemi ta' bejnithom.

1.3.11.2 Dan ir-resident qed jissuġġerixxi biex speċjalment fi toroq żgħar isiru *loading and unloading bays* għar-residenti li fuqhom ikunu jistgħu jiefqu għal ftit biex eżempju jħottu x-xirja. Dan biex jevitaw milli jiefqu fin-nofs tat-triq u jikkreaw konfużjoni sħiħa. Żied jgħid li mportanti ukoll li l-kunsill japplika għal *residential parkings* pero s-sindku nfurmah li bħalissa dan mhux possibbli. Applikazjonijiet għal permessi ta' *residential parkings* huma weqfin.

1.3.11.3 Dan ir-resident tkellem ukoll fuq l-importanza li jiżdied l-*enforcemen*t minn naħa tal-gwardjani fir-raħal u anke biex il-kunsill jikkunsidra jagħmel *pilot projects* bħal *CCTVs* jew *monitors* żgħar li jindikawlek kemm hemm parkeġġi vojta fi triq partikulari (bħal ma hemm fil-parkeġġ tal-isptar).

1.3.12.1 <u>Talba biex terġa ssir *sleeping policeman* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>
Resident qed jagħmel talba biex terġa titweħħel *sleeping policeman* li kien hemm fil-passat fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, dan minħabba *over speeding.*

1.3.12.2 Is-sindku qal li fil-jiem li ġejjien ser isiru *speed markings* ma' l-art f'din it-triq. Jekk kif isiru dawn l-*ispeed markings* is-sitwazzjoni tibqa l-istess il-kunsill ser jikkunsidra jmur għand Transport Malta bis-suġġeriment ta' *sleeping policeman*.

1.3.13.1 <u>Ilment fuq siġra privata fi Triq Enejja u lment fuq pole fi Triq il-Kbira</u>
Resident qed jagħmel ilment fuq siġra privata li ġġib ħafna ħmieġ fi Triq Enejja. Is-Sindku qal li ser naraw ta' min hija din is-siġra u ngħidu lis-sid biex tinżabar.

1.3.13.2 Dan ir-resident ilmenta wkoll fuq il-bankina dejqa li hemm fi Triq il-Kbira man-naħa ta' l-ispiżjara u kif fuq bankina dejqa bħal dik hemm anke arblu li jkompli jagħlaq l-aċċess.

1.3.14 <u>Suġġeriment ta' *elevated sleeping policemen*</u>
Resident qed jagħmel suġġeriment biex madwar ir-raħal kollu jsiru *elevated sleeping policemen* u mhux *sleeping police humps*. Bi *elevated sleeping policeman* il-karozzi aktar iridu jnaqsu l-*ispeed.*

1.3.15.1 <u>Suġġeriment fuq il-permess ta' żvilupp fl-akwata tal-Mirakli (Ta' Profs Ganado) u lment fuq kaxxi sofor</u>
Residenta kkonċernata ħafna fuq l-applikazjoni mal-awtorita tal-ippjanar għal żvilupp kbir fl-akwata tal-Mirakli. Hija qalet li lil kunsill preċedenti kienet bgħatitlu l-pjanti kollha ta' din l-applikazzjoni u biex jieħu azzjoni kontra dan pero qatt ma semgħat xejn lura.

1.3.15.2 Din ir-residenta qed titlob lil Kunsill Lokali biex jieħu ħsieb ta' dan il-permess u jindaga fuqu biex jara x'ser jiġri. Hija għandha terġa tgħaddi l-pjanti kolla lil Kunsill biex imexxi bihom.

1.3.15.3 Din ir-residenta wkoll qed tilmenta fuq diversi kaxxi sofor li hemm fir-raħal li mhumiex qegħdin quddiem garaxxijiet u hija ċemplet lil Transport Malta diġa fuq dawn u Transport Malta qalilha biex tgħid lil kunsill li

kaxxa safra weħidha hija bla użu u tista titneħħa. Din il-mara qed titlob biex kaxxi sofor bħal dawn jitneħħew u jsiru bojod. Eżempju ta' dan hija l-kaxxa safra li hemm fi triq Sant Andrija viċin il-każin.

1.3.16.1 <u>Ilment fuq *re-surfacing* ta' Triq is-Salvatur minn *Infrastructure Malta*</u>
Resident sema li Triq is-Salvatur mhux ser tiġi *re-surfaced* ma' Triq Karlu Darmanin u Triq Fernand Gregh u huwa nfatti qed jilmenta fuq dan u qed isostni li din għandha ssir la hekk kien pjanat.

1.3.16.2 Is-Sindku qal li l-perita li qed tieħu ħsieb ix-xogħlijiet infurmat lil kunsill li Triq is-Salvatur mhux ser issir għaliex sabu problema bid-dranaġġ tat-triq. Iżda s-Sur Dalli qal li minkejja dan huwa ser jibqa jsostni ma' *Infrastructre Malta* biex Triq is-Salvatur issir ma' Triq Karlu Darmanin u Triq Fernand Gregh għax qiegħda fl-istess akwata u hekk kien ippjanat li jsir.

1.3.17.1 <u>*Refreshing* ta' *zebra crossings* fi Triq Naxxar u Triq il-Mosta</u>
Resident qal li ilu żmien jilmenta biex isir *refreshing taz-zebra crossing* li hemm fi Triq il-Mosta ħdejn il-Blockrete. Barra minn hekk huwa qal li hemm bżonn ukoll biex fuq din iz-*zebra crossing* isiru żewġ bozoz li juru ħafna għax kif inhi bħalissa hija perikoluża biex taqsam.

1.3.17.2 Kien hemm resident ieħor li qabel fuq dan u żied jgħid ukoll li hemm anke bżonn isir *refreshing taz-zebra crossing* li hemm Triq in-Naxxar fil-kantuniera inti u ħiereġ minn Vjal it-Trasfigurazzjoni u tiġi biex iddur lejn il-Mosta.

1.3.17.3 Fuq dawn iż-żewġ ilmenti s-sindku qal li l-kunsill ser jiġri wara Transport Malta biex dawn isiru b'mod urġenti qabel ma ssir xi traġedja.

1.3.18.1 <u>Domanda fuq jekk mhux qed isir xi żvilupp fl-għelieqi l-isfel minn Villa Francia</u>
Resident qed jistaqsi lil kunsill jekk jafx b'xi żvilupp li qed isir fl-għelieqi li hemm l-isfel minn Villa Francia fi Triq Preziosi. Huwa qed jistaqsi dan għax qed jara ħafna trakkijiet bil-ħamrija deħlin u ħerġin.

1.3.18.2 Is-Sindku qal li ser jiċċekja fuq dan.

1.3.19.1 <u>Talba għal mera fi Triq Massimiliano Debono u lment fuq l-*isleeping policeman* fi Triq Sant Andrija</u>
Resident qed jagħmel talba biex issir mera fuq in-naħa tal-lemin fi Triq Massimiliano Debono għaliex ħafna drabi minn ikun ġej minn Triq Annibale Preca jidħol fin-naħa tat-triq l-ħażina u ma jindunax li hemm karozza oħra ġejja minn Triq Massimiliano Debono.

1.3.19.2 Dan ir-resident qal ukoll li l-*isleeping policeman* li hemm maqsuma fi Triq Sant Andrija qiegħda hemmhekk għalxejn bla użu u din trid tkun sħiħa biex tagħmel effet ħalli jitnaqqas l-*ispeed*. Barra minn hekk qed jgħid li waħda mhux biżżejjed u hemm bżonn issir *sleeping policeman* oħra fi Triq Sant Andrija.

1.3.20.1 <u>Talba għal *traffic lights* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u lment fuq *mini buses*</u>
Residenta qed tagħmel suġġeriment biex isiru *traffic lights* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq in-Naxxar dan għaliex diffiċli ħafna għal min ikun irrid joħroġ bil-karozza minn ġo Vjal it-Trasfigurazzjoni għal ġol *main road*. Il-Karozzi li jkunu ġejjien minn B'kara u Ħal Balzan ma jċedux u għalxejn hemm *grid box* ma' l-art dik ma tgħinx.

1.3.20.2 Is-Sindku qal li ser jgħaddi dan is-suġġeriment ma' Transport Malta huwa personali.

1.3.20.3 Din ir-residenta lmentat ukoll fuq persuni li qed iħallu *mini buses* ipparkjati barra bil-lejl, li dan mhux suppost u qed jokkupaw parkeġġ.

1.3.21.1 <u>Ilment fuq il-ħamiem</u>
Diversi residenti lmentaw fuq il-ħmieġ tal-ħamiem u biex il-kunsill jieħu azzjoni fuq dan. Is-sindku qal li din hija xi ħaġa li qed jieħdu ħsiebha l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u hemm pjan biex jalfuhom ħalli ma jibqgħux jiproduċu.

1.3.21.2 Resident wieħed ma qabilx li tiġi ntrodotta din is-sistema.

1.3.22.1 <u>Ilment fuq pjanti fuq il-bankini</u>
Resident qed jilmenta kif ħafna residenti qed iħafru toqob fuq il-bankini biex jiżraw pjanti ġo pots li umbgħad ma jieħdux ħsiebhom. Huwa qed jitlob biex il-kunsill jieħu azzjoni fuq dan għax qed jingħalaq l-aċċess fuq il-bankini.

## Tmiem

Is-Sindku rringrazzja lil kull minn attenda u l-laqgħa ntemmet fi 8:15PM.

IFFIRMAT

Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA

Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv